## TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 334

Kaz Nru. 489

Fit-Tilwima tax-Xoghol
bejn
Union of Cabin Crew
u
Air Malta Company Limited

rigward ir-rikonoxximent
tal-Union mill-istess kumpanija

Data: 2 ta' Awissu, 1989

Chairman : Dr. Richard Camilleri LL.D. LL.M. (Lond)

Membri : Is-Sur Alphonse Farrugia
Is-Sur Joe Delia B.A. (Hons) Econ.

### 1. Preliminari

Permezz ta' ittra tal-10 ta' Mejju, 1989 il-Ministru tal-Politika Socjali rrefera din it-tilwima ta' xoghol ghad-decizjoni tat-Tribunal skond l-Att XXX tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

Rigward 'terms of remit', il-Ministru rrefera ghal ittra tat-2 ta' Frar, 1989 mibghuta mill-Union lill-Ministru. It-'terms of remit' indikati fl-ittra huma:-

1. Il-Union issostni u ghandha provi skjaccanti li hija ghandha l-maggoranza tal-haddiema li jissejhu u ghandhom il-funzjoni ta' 'Cabin Crew'.

2. Il-Union issostni illi l-'Cabin Crew'Staff' huma

sezzjoni ta' haddiema li jahdmu u joperaw taht kundizzjonijiet specjali u cioe' differenti minn kundizzjonijiet ta' haddiema ohra tal-Air Malta, stante illi d-dmirijiet taghhom huma 'Sui generis'. F'dan il-kuntest jezistu diversi precedenti kemm fil-kumpanija Air Malta, kif ukoll f'kumpaniji ohra, fejn sezzjoni ta' haddiema b' dmirijiet u kundizzjonijiet specjali, u li inghaqqdu f'Union, gew rekonoxxuti wara li segwew procedura li biha giet stabbilita s-sahha maggoritarja taghhom.

3. Jekk wiehed jara l-ftehim kollettiv bejn Air Malta u l' General Association of Clerical and Supervisory Staff tal-General Workers' Union tat-2 ta' Jannar, 1981 liema ftehim baqa' jigi estiz u dan il-ftehim li huwa separat minn kull ftehim iehor, jirregola d-drittijiet, id-dmirijiet, il-funzjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-'Cabin Crew'. Dan l-istat ta' fatt jirrizulta favur accettazzjoni kontinwa u storika mill-kumpanija u mill-Union l' iffirmat l-istess ftehim, li l-'Cabin Crew' hija sezzjoni specjalizzata b'doveri definiti u distinti mid-doveri tal-bqija tal-haddiema.

4. Isegwi ghalhekk illi Union li tirragruppa haddiema minn din is-sezzjoni, sakemm turi li ghandha maggoranza tal-membri, ghandha tircievi u jkollha dritt gharrikonoxximent.

Rigward l-istqarrija tal-kaz tal-Union l-istess Union irreferiet ghall-punti sollevati fl-ittra lill-Ministru tat-2 ta' Frar, 1989.

Fl-istqarrija tal-kaz taghha, l-kumpanija qed issostni:-

1. Illi dan il-kaz ghandu jigi deciz f'zewg stadji:

(a) Decizjoni fuq jekk huwiex f'loku jew le illi s-sezzjoni ta' haddiema maghrufa bhala 'cabin crew' ghandhiex tkun ikkunsidrata bhala sezzjoni separata u distinta tant illi l-kumpanija tista' tirrikonoxxi 'union' diversa minn dik li tirraprezenta l-'work-force' in generali ghal dak li hu 'collective bargaining';

(b) Wara d-decizjoni li ghaliha hemm referenza aktar il fuq, u jekk din id-decizjoni tkun illi din is-sezzjoni hija wahda separata u distinta, irid jigi deciz jekk hemmx il-maggoranza rikjesta fil-prattika ta' relazzjonijiet industrijali Maltin biex ir-rikonoxximent mitlub jinghata.

2. Il-kumpanija intimata tipproponi illi tindirizza ruhha ghal dawn iz-zewg stadji separatament u fl-ordni logiku taghhom.

3. Ghal dak li jikkoncerna l-kwistjoni dwar jekk is-sezzjoni hijiex wahda separata u distinta fis-sens rikjest, huwa importanti illi wiehed janalizza n-natura tax-xoghol u l-post tal-'cabin crew' fl-istruttura 'overall' tal-kumpanija. Dawn huma kkunsidrati bhala nies li jirraprezentaw lill-kumpanija vis-a-vis il-klijenti taghha: f'dan ir-rigward huma stadju iehor fil-process li jibda minn meta l-passiggier jigi 'checked-in' fl-ajruport. Il-kumpanija tippretendi illi dawn l-impjegati, il-'cabin crew', ikunu professjonali u ddedikati ghal xogholhom: tippretendi dan minn kull impjegat, specjalment dawk li huma f'kuntatt kontinwu mal-klijent.

4. Ghal kull buon fini, ghandu jigi rilevat f'dan l-

istadju illi l-kumpanija tirrikonoxxi 'union' ghall-finijiet ta' 'collective bargaining' li mhijiex dik l-'union' li tirraprezenta lill-'work-force' in generali: din hija l-'Airline Pilots & Flight Engineers Union', li tirraprezenta lill-'cockpit crew' Maltin tal-kumpanija. Din il-'union' giet rikonoxxuta fl-isfond tar-rekwiziti tal-ligi u l-prattika f'din il-materja.

5. F'dan l-isfond, il-kumpanija intimata tissottometti bir-rispett illi t-Tribunal ghandu jaghmel ezercizzju kwalitattiv sabiex jimpjazza lill-"Union of Cabin Crew" f'postu fl-'ispectrum' bejn l-"Airline Pilots & Flight Engineers Union" fuq naha wahda (dik ta' 'union' li tirraprezenta sezzjoni ta' impjegati separati u distinti fis-sens rikjest) u l-"General Workers' Union" fuq naha ohra (dik ta' 'union' li tirraprezenta lill-impjegati fil-maggoranza 'indistinta').

6. Fl-ezercizzju internali li ghamlet il-kumpanija, waslet ghall-konkluzjoni li, fic-cirkostanzi kollha rilevanti ghaliha, kien ikun aktar f'loku illi l-'Union of Cabin Crew' tigi kklassifikata bhala wahda li ma ghandhiex tinghata rikonoxximent ghall-finijiet ta' 'collective bargaining'. Il-fatturi relevanti, apparti l-kunsiderazzjoni f'paragrafu 3 hawn fuq jirrelataw ghall-klima ta' relazzjonijiet industrijali prevalenti fl-Air Malta. Huwa ta' importanza kbira ghall-kumpanija li jkollha relazzjonijiet industrijali stabbli u b'certa' kontinwita' : introduzzjoni ta' 'house union' (ohra) fl-'equation' ta' l-Air Malta tfisser l-introduzzjoni ta' element ta' konflitt potenzjali ma' 'union' ohra u wkoll element ta' incertezza, peress illi huwa maghruf illi multiplicita' ta' 'unions' jikkrejaw effett ta' 'leap frogging' fil-'collective

bargaining'.

7. Minghajr pregudizzju ghall-posizzjoni taghha ghal dak li hu l-punt espost hawn fuq, il-kumpanija tixtieq tikkummenta dwar il-kwistjoni kwantitattiva ta' dan il-kaz. Qabel ma kumpanija taghti rikonoxximent, trid tassigura illi l-maggoranza rikjesta (50% + 1 tal-'work-force' involut) tezisti. F'dan il-kaz, il-kumpanija ma tistax taccetta minghajr aktar provi li l-'Union of Cabin Crew' biss ghandha din il-maggoranza, u dan peress illi jista' jkun li hemm element ta' 'double membership' ma' 'unions' ohra, li jista jkun li huma wkoll jkollhom maggoranza.

8. Ghalhekk, dan it-Tribunal, fl-umli sottomissjoni tal-kumpanija, ghandu jaghti l-provvedimenti opportuni biex jizgura illi l-figuri rilevanti jigu accertati.

It-Tribunal ra l-atti kollha tal-kaz, id-dokumenti, sema' x-xhieda u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

## 2. Provi

Mill-kumpless tal-provi u cioe' mix-xhieda u mid-dokumenti prodotti l-fatti saljenti huma:-

(a) Fil-prezent il-kumpanija ghandha ftehim kollettiv (dok. 8) li huma ffirmaw ftit ilu mal-General Workers' Union li jkopri l-kategoriji kollha tal-impjegati, inkluz il-cabin crew, hlief, il-pilots, first officers u l-flight engineers. Dawn ta' l-ahhar ghandhom unicn li hija rikonoxxuta separatament u ghandhom ftehim

kollettiv separat.

(b) Qabel, il-kumpanija kellha ftehim kollettiv separat ghal cabin crew li kien iffirmat mill-General Association of Clerical and Supervisory Staff tal-General Workers' Union (dok. 3). Kien hemm ukoll ftehim kollettiv generali iffirmat mal-General Workers' Union. Illum il-Cabin Crew gew inkorporati fil-ftehim kollettiv generali. (ara xhieda tas-sur Edmond Micallef, konsulent amministrattiv tal-kumpanija).

(c) Il-ftehim kollettiv separat li kellhom il-cabin crew qabel ghal certu kondizzjonijiet partikolari bhal per ezempju 'flying duty periods' ghadu applikabli tacitament (ara xhieda ta' Norman Falzon u Edmond Micallef).

(d) Il-kundizzjonijiet ta' xoghol tal-cabin crew huma sostanzjalment differenti mill-impjegati in generali u dan huwa naxxenti mill-fatt li x-xoghol taghhom isir fuq ajruplan 'waqt flight' u ghalhekk ma huwiex xoghol normali. Hemm diversi differenzi: hinijiet ta' xoghol; allowances specjali; ilbies ta' uniformijiet waqt ix-xoghol; training specjalizzat li irid isir perjodikament; testijiet medici partikolari minhabba n-natura tax-xoghol; ir-riskju marbut max-xoghol; kif ukoll il-fatt li jekk ghar-ragunijiet medici wiehed mill-cabin crew jigi'grounded' dan jista' jitlef ix-xoghol tieghu. Dawn il-kondizzjonijiet huma aktar komparabbli mal-pilots u l-flight crew milli mal-impjegati l-ohra in generali (ara xhieda tas-sur Norman Falzon u s-sur Edmond Micallef u dokumenti 3 u 7).

(e) Il-Union of Cabin Crew ghandhom bhala membri il-maggoranza tal-impjegati fil-kategorija tal-cabin crew. Hemm persentagg ta' 'double membership' mal-General Workers' Union.

.../7

Pero' jirrizulta li l-Union of Cabin Crew ghandhom 82% tal-impjegati waqt li l-General Workers' Union ghandhom 36% tal-impjegati f'din il-kategorija. Il-General Workers' Union ghandhom il-maggoranza fost l-impjegati in generali tal-kumpanija. (Ara xhieda ta' Dr. Andrew Borg Cardona, is-sur Edmond Micallef u s-sur Norman Falzon kif ukoll dok 11 li hija nota dwar il-posizzjoni relattiva tad-diversi unions fil-kumpanija; dok 4 lista tal-cabin crew b'indikazzjoni tal-union/s li taghha jew taghhom ihallsu l-mizata; u dok 5 u 12 li huma kopji ta' dikjarazzjoni ta' membri tal-cabin crew indirizzata lill-kumpanija li ma jridux li tithallas hlief il-mizata tal-Union of Cabin Crew).

(f) Il-Union of Cabin Crew talbu lill-kumpanija li jigu rekonoxxuti biex jirraprezentaw il-cabin crew b'ittra tal-4 ta' Ottubru 1988 (dok 6). Din it-talba ma gietx milqugha u ghalhekk bdew dawn il-proceduri.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Il-kuncett tar-rikonoxximent ta' union huwa ta' mportanza fondamentali fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali ghaliex huwa pre-rekwizit ghal 'collective bargaining' u cioe' il-process ta' diskussjonijiet u negozjati li jwasslu ghal ftehim kollettiv. Il-'collective bargaining' huwa strument importanti kif haddiem permezz tar-rapprezentanti tieghu, l-unions, isahhah is-sigurta ta' l-impieg u jottjeni titjib fil-kundizzjonijiet tal-impieg u tax-xoghol. Minn naha l-ohra peress illi dan il-process jinvolvi diskussjonijiet u negozjati bl-iskop li jintlahaq ftehim fuq kundizzjonijiet tal-impieg u tax-xoghol, kif ukoll ta' organizzazzjoni li tolqot lill-haddiem, huwa mezz effikaci biex tigi imsahha l-armonija fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali li huwa ingredjent baziku tal-progress fil-pajjiz.

.../8

Ikkunsidrat l-importanza tal-kuncett ta' rikonoxximent huwa sorprendenti li l-legislatur ma hassx il-htiega li jirregola dan il-kamp. Jista' jaghti l-kaz li minhabba l-influwenza tas-sistema Ingliza hemm preferenza ghal regoli li jitwieldu minn dak li jissejjah 'Custom and practice'.

Issemmiet l-influwenza tas-sistema Ingliza pero' dan ma jfissirx li s-sistema taghna ssegwi kompletament dik Ingliza. Anzi jidher li ghal dak li jirregwarda 'collective bargaining' u rikonoxximent hemm differenzi kbar.

Karatteristika partikolari tas-sistema Ingliza hija li tradizjonalment il-'collective bargaining' zviluppa fuq livell ta' unions u employers associations u mhux bejn union u 'employer' partikulari b'hekk il-ftehim kollettiv li jintlahaq ikopri industrija shiha jew fil-pajjiz kollu jew f'regjun partikolari (ara labour and the law (2nd ed.) - O. Kahn-Freund p. 60 f.f.). Is-sistema Ingliza ma taghtix dritt awtomatiku lill-union ghar-rikonoxximent u m'hemmx kriterji fissi li jirregolaw meta ghandu jinghata rikonoxximent. Dan jikkontrasta mas-sistema Amerikana u Kanadiza fejn il-ligi taghti d-dritt lill-impjegati li jinnegozjaw kollettivament tramite rapprezentanti tal-ghazla taghhom. Minhabba dan id-dritt insibu kuncetti zviluppati (anke permezz ta' kazistika) ta' "appropriate bargaining unit" u "sole bargaining agent". (Ara, per ezempju, Collective Bargaining Law in Canada ta' A.W.R. Carrothers). Rigward is-sistema taghna, jista jinghad f'termini generali li hija l-prattika li meta union tikseb l-ishubija tal-maggoranza ta' impjegati ghab-bazi tal-kriterju ta' hamsin fil-mija u wiehed, l-istess union ghandha d-dritt li tigi rikonoxxuta.

.../9

Ir-'recognition dispute' li ghandu quddiemu dan it-Tribunal jirrigwarda l-kwistjoni jekk union ghandhiex tinghata rikonoxximent bhala 'sole bargaining agent' f'kategorija ta' impjegati separatament minn kategoriji ohra ta' impjegati fl-istess azjenda.

Ghalhekk il-kompitu ta' dan it-Tribunal fin-nuqqas ta' regoli legislattivi, huwa li jasal ghal decizjoni fuq dik li hi l-prattika taghna fil-kamp tar-relazzjonijiet industrijali u kif ukoll skond ic-cirkostanzi partikolari tal-azjenda u l-industrija in kwistjoni.

Kif intqal fid-decizjoni ta' dan it-Tribunal fil-kaz bejn il-Union Haddiema Maghqudin u Andrews Feeds (Malta) Limited (decizjoni nru 311), il-ligi u l-prattika fil-kamp tar-relazzjonijiet industrijali jikkontemplaw il-possibilita' ta' rikonoxximent ta' unions differenti f'azjenda wahda. Kif sewwa gie rilevat f'dak il-kaz l-uzu tal-kliem 'meta trade union tkun maghrufa mill-principal bhala li tirraprezenta l-klassi ta' haddiema' fil-proviso tal-artikolu 31(2) tal-Att XXX dwar Relazzjonijiet Industrijali, hija indikazzjoni implicita li din is-sitwazzjoni hija accettabli. Ghalkemm dan il-proviso illum tnehha mill-ligi il-kliem xorta huma indikattivi. Apparti dan, kif intqal ukoll fid-decizjoni imsemmija din is-sitwazzjoni tezisti f'diversi azjendi f'industriji differenti.

Dan m'huwiex xi principju gdid. F'decizjoni numru 71 tat-Tribunal tal-Arbitragg ta' Malta fil-kwistjoni tax-xoghol bejn Mizzi Limited u t-Taqsima Construction and Woodworks tal-General Workers' Union (1 ta' Dicembru

1971) gie deciz li union tista' tinnegozja kollettivament ghal certa sezzjoni ta' haddiema. Ic-Chairman (il-membri tat-Tribunal f'dak il-kaz ma qablux fuq dan il-punt u ghalhekk gie deciz mic-Chairman) qal:- "Dan il-vantagg u dritt tal-haddiema ghandu jipprevali ghal possibilita ta' inkonvenjenzi li l-Management semma' u li c-chairman jirrikonoxxi li jistghu sa certu punt javverraw ruhhom jigifieri li l-kreazzjoni ta' aktar minn union wahda ghall-istess klassi ta' haddiema fl-istess azjenda, u r-reperkussjonijiet li jistghu jinqalghu .......".

Dan it-Tribunal huwa konxju li r-rikonoxximent ta' zewg unions jew aktar f'azjenda wahda, dak li jissejjah 'multi unionism', jista' johloq diffikultajiet, partikolarment minhabba l-potenzjalita ta' konflitt u rivalita bejn il-unions (ara Labour and the Law (2nd edition) O.Kahn Freund p.76 f.f.). Pero' kif intqal fid-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg fuq imsemmija "bid-daqsxejn ta' buona volonta' hafna ostakoli jistghu jigu superati u kollox jiddependi mill-buona fede tant ta' parti kemm ta' l-ohra."

Minn naha l-ohra kif gie relevat fid-decizjoni numru 311 ta' dan it-Tribunal il-possibilita' ta' rikonoxximent ta' unions ghal kategoriji differenti f'azjenda wahda ma tfissirx li l-ligi jew il-prattika fil-kamp tar-relazzjonijiet industrijali jinkoragixxi l-frammentazzjoni tal-'work force' f'hafna bicciet. Dan m'huwiex ta' gid kemm ghal principal kif ukoll ghal haddiema. Biex kategorija jkollha union rikonoxxuta separatament il-kategorija trid tkun fil-fatt kategorija separata u distinta. Il-kategorija trid tkun 'an appropriate unit' u cioe' kategorija li ghandha kundizzjonijiet ta' xoghol, interessi u fatturi

ohra li jwasslu ghall-konkluzzjoni li jkun gust u utli li din il-kategorija taghzel union ghaliha bhala 'sole bargaining agent'.

Il-fatti fil-kaz in ezami (kif deskritti qabel) ma jhallu ebda dubju li l-kategorija tal-cabin crew tikkwalifika bhala 'appropriate bargaining unit'. It-twelid tal-Union of Cabin Crew kien fil-fatt ir-rizultat tan-necessita genwina li hassew il-maggoranza kbira ta' impjegati f'din il-kategorija li jkollhom il-union 'specjalizzata' taghhom biex b'hekk ikunu f'posizzjoni ahjar li jinnegozjaw dwar il-kundizzjonijiet ta' xoghol partikolari ta' din il-kategorija. Apparti jidher li din in necessita' ilha tinhass ghaliex anke l-General Workers' Union kienu hassu il-bzonn li jkun hemm ftehim kollettiv separat ghal cabin crew qabel ma gie ffirmat l-ahhar ftehim kollettiv.

Ma hemmx dubju li l-Union of Cabin Crew ghandha l-maggoranza tal-haddiema f'din il-kategorija. Bhala prattika kemm in generali kif ukoll fl-azjenda in kwistjoni u dan kif jidher mill-'collective agreements' il-kriterju addottat ghar-rikonoxximent huwa dak tal-'fifty per cent plus one'.

Il-Union, fis-sottomissjonijiet taghha, qajmet diversi punti dwar l-ahhar ftehim kollettiv bejn il-General Workers' Union u l-kumpanija. It-terms of remit huma limitati dwar il-kwistjoni tar-rikonoxximent u ghalhekk it-Tribunal mhux ser jidhol fil-kwistjoni rigwardanti dan il-ftehim kollettiv.

4. Decizjoni

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fis-sens li l-kumpanija ghandha taghti r-rikonoxximent taghha lil Union of Cabin Crew bhala l-union li tirraprezenta l-kategorija tal-Cabin Crew fi hdan il-kumpanija u dan sakemm din il-union ikollha l-hamsin fil-mija u wiehed u l-maggoranza relattiva ta' din il-kategorija.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

DR. RICHARD CAMILLERI
CHAIRMAN

ALPHONSE FARRUGIA
MEMBRU

JOE DELIA
MEMBRU

ALDO TESTONE
SEGRETARJU

/ms